MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 1294/1999/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Jimmy Vella Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih il-Korporazzjoni attrici talbet sabiex is-socjeta' konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' mitejn u tnejn u disghin lira maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm292.98) rapprezentanti danni mis-socjeta konvenuta jew minn impjegati tas-socjeta konvenuta kkagunati f'cable tal-elettriku propjeta tal-Korporazzjoni attrici u dana sehh nhar d-9 ta' Frar 1998 fil-Marsa hdejn l-fabbrika tal-Stainless Steel, kif ukoll is-socjeta konvenuta thallas l-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-avviz sal-pagament ettettiv.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' April 1999 u tal-ittra bonarja tat-18 ta' Dicembru 1999. Is-socjeta konvenuta giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 7 ibid) u li biha eccepiet:

1. Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi l-incident de quo sehh esklussivament ghal ragunijiet imputabbli lill-Korproazzjoni attrici, in vista ta' istruzzjonijiet erronji moghtija lis-socjeta' konvenuta minn rappresentanti u impjegati ta' l-istess Korporazzjoni.

3. Illi minghajr pregudizzju, fi kwalunkwe kaz, jehtieg illi kwalunkwe danni jigi likwidat minn dina l-Onorabbli Qorti u li kwalunkwe imghax jiddekorri mid-data ta' kwalunkwe sentenza f'dan is-sens.

Bir-riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta' konvenuta ma resqet ebda prova in sostenn tal-eccezzjonijiet sottomessi minnha u dan avolja kif jidher a fol 21 u a fol 22 tal-istess atti, is-smiegh ta' din il-kawza kien gie differit ghall-provi tal-istess socjeta', li pero', ma kienetx dehret, fis-seduti intisi ghal dan il-ghan.

Ikkunsidrat

Illi, da parti tal-Korporazzjoni attrici gew prodotti Saviour Farrugia (fol 15 et seq ibid) u Godwin Abela (fol 19 et seq ibid) rispettivament "foreman" u "senior cable jointer" mal-istess Korporazzjoni attrici. Dawn spjegaw illi l-incident in esami kien gara vicin fabrika sitwata fil-Marsa fejn is-socjeta' konvenuta kienet qed tesegwixxi xoghol bejn il-hajt divisorju tal-istess fabrika u "trunk road". Dan ix-xoghol kien jikkonsisti fi thaffir ta' trinek sabiex jigu

mghoddijin katusi. Waqt l-istess thaffir li kien qed jigi esewit minn haddiema tal-istess socjeta konvenuta, kien intlaqat "low tension cable" fl-istess fabrika u bhala konsegwenza, l-istess "cable" kien gie maqtugh mill-ingenji mekkaniki li kien qed jintuza mis-socjeta' konvenuta. Jigi notat illi jidher li, qabel ma nbeda ix-xoghol ta' thaffir in kwistjoni hadd, da parti tas-socjeta konvenuta, ma kien informa lill-Korporazzjoni attrici li kien ser jsir ix-xoghol deskritt fil-lokalita' involuta u, b'hekk, l-ebda rappresentant jew impjegat tal-istess korporazzjoni ma kien mar fl-istess post sabiex jindika, kif suppost, minn fejn kien ghaddej il-"cable" milqut.

Illi minn dan, jidher evidenti li l-hsara fl-imsemmi "cable" kienet kagunata minn <u>nuqqas ossija ommissjoni</u>, da parti tas-socjeta' konvenuta illi isegwi l-procedura rikjesta meta jsir xoghol bhal dak in esami billi l-Korporazzjoni attrici tigi informata dwar l-istess xoghol sabiex din tkun tista' tibghat impjegat jew impjegati fuq il-post bl-iskop li jindikaw minn fejn ghaddejjin "cables" tal-elettriku jekk dan hu il-kaz, u b'hekk jigu evitati hsarat fl-istess "cable" jew "cables", ghad-danni tal-istess korporazzjoni u tal-konsumatur.

<u>Ikkunsidat</u>

Illi, a fol 17 ibid, jinsabu elenkati l-istess hsarat bil-"quantum" relattiv u ma jidhirx li l-istess "quantum" gie b'xi mod kontestat jew li hu, b'xi mod esagerat u b'hekk ma tistax tigi akkolta t-tielet eccezzjoni fis-sens li, l-imghax relattiv ghandu jibda' jiddikorri mhux mid-data tas-sentenza izda "mid-data tal-presenti" kif specifikat fl-istess avviz.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' Lm292.98,0 bl-imghax legali mit-30 ta' Awissu 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-

ittra ufficjali tal-5 ta' April 1999 izda mhux ta' dik bonarja msemmija fl-avviz in vista' li jidher li din iggib data wara l-presentanta tal-avviz in esami.

--------------------------------TMIEM--------------------------------